

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2026
(OR. en)**

10361/26

**SOC 385
EMPL 206
ECOFIN 800
UEM 277
COMPET 788
ENV 764
EDUC 259
ENER 410
JAI 845
GENDER 112
JEUN 154
SAN 493**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kontribut dwar l-aspetti tal-politiki tal-impjegi u soċjali tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi: Rakkomandazzjonijiet dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarji ta' kull Stat Membru <i>- Approvazzjoni</i>

Fil-kuntest tal-proċess tas-Semestru Ewropew 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) kif jinsabu fid-dokument 9955/26 lill-Kunsill fit-3 ta' Ġunju 2026.

Is-27 dokument (wieħed għal kull Stat Membru) ġew eżaminati mill-Kumitati EMCO u KPS. Minħabba restrizzjonijiet ta' ħin wara l-preżentazzjoni tal-pakkett tar-rebbiegħa mill-Kummissjoni, tfasslet nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li ġiet diskussa fil-Kumitati rilevanti (EMCO, KPS, KPE, EFC-A/KEF). Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi abbażi ta' nota orizzontali, u b'hekk ippermetta l-konklużjoni tas-Semestru Ewropew 2026 waqt il-laqgħa tiegħu tat-18 u d-19 ta' Ġunju. L-aspetti fis-CSRs individwali li jappartjenu b'mod uniku għall-*filière* tal-ECOFIN ser jiġu diskussi wara l-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Ġunju. Għaldaqstant, il-verżjonijiet tas-CSRs elenkati fid-dokument 10247/26 mhumix il-verżjonijiet finali.

Il-lista ta' abbozzi ta' Rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru, kif jirriżultaw mid-diskussjonijiet tal-EMCO, il-KPS u l-KEF, tinsab fid-dok. 10247/26.

Il-Coreper mistieden jeżamina l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet għal kull Stat Membru elenkati fid-dok. 10247/26, bil-ħsieb li l-Kunsill (EPSCO) ikun jista' japprova l-kontribut tiegħu dwar l-aspetti relatati mal-politika tal-impjegi u soċjali tal-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill għal kull Stat Membru u l-aspetti li jappartjenu kemm għall-*filières* tal-EPSCO kif ukoll tal-ECOFIN.

Il-Kunsill ser jadotta r-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi fil-laqgħa tal-Kunsill (ECOFIN) tal-10 ta' Lulju 2026.
